**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 136/2015JB

Numru 6

**Schembri Infrastructures Limited (C17388)**

***vs***

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar l-20 ta' Frar 2015 fejn is-Socjeta Attrici issottomettiet dan li gej:

> Illi s-socjeta' esponenti kienet wettqet xoghlijiet u cioe` *retention tarmac works* ghall-progett fl-istabbiliment il-gdid gewwa l-Marsa tas-socjeta` konvenuta The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) u dan versu l-prezz ta' elfejn tliet mija u tlieta u tmenin euro u wiehed u sebghin centezmu (€2,383.71) kif johrog mill-fattura relattiva datata t-3 ta' Frar, 2011, li kopja taghha qieghdha tigi hawn annessa;
>
> Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-imsemmi ammont, oltre l-imghaxijiet legali relattivi, permezz tal-ittra ufficjali (166A) datata 15 ta' Dicembru, 2014, kopja ta' liema qieghdha tigi hawn annessa din baqghat inadempjenti;
>
> Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex, ghar-ragunijiet premessi kif ukoll dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjeta` The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) hija debitrici tas-socjeta` esponenti fis-somma ta' €2,383.71 u jikkundannaha sabiex thallas l-istess somma dovuta oltre l-imghax legali fuq din is-somma sad-data tal-pagament effettiv.
>
> Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2014, kontra s-socjeta` konvenuta u bl-ingunzjoni tad-diretturi u ufficjali taghha ghas-subizzjoni.

Ra l-Avviz tas-Smiegh li permezz tieghu l-kawza kienet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-18 ta' Marzu 2015;

Ra li l-Konvenuta, debitament notifikata, ipprezentat risposta nhar it-18 ta' Marzu 2015, li permezz taghha laqghet ghat-talba kif gej:

> It-talba attrici hija perenta bil-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16;
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ra s-sentenza preliminari moghtija nhar il-15 ta' Lulju 2015 li permezz taghha it-Tribunal cahad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta u halla l-kawza ghall-provi fuq il-mertu fil-waqt li dwar l-ispejjez ipprovda li dawn jigu decizi fis-sentenza definittiva;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' x-xhieda u qies il-provi l-ohra kollha prodotti mill-kontendenti;

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2015 fejn is-Socjeta Attrici iddikjarat li qieghdha tistrieh fuq il-provi li jinsabu in atti u talbet li t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza;

Ra li l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ra r-rikors tas-Socjeta Konvenuta prezentat nhar is-16 ta' Ottubru 2015 fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza stante li tixtieq li jkollha l-possibilita li tezamina l-provi prodotti mis-Socjeta Attrici u ttella' l-provi taghha qabel ma l-kawza tmur ghas-sentenza;

Ra dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi bil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' €2,383.71 in konnessjoni ma' xogholijiet ta' *tarmac* fil-fabbrika tas-Socjeta Konvenuta. In sostenn tat-talba taghha, is-Socjeta Attrici ressqet bhala xhud lil Rodianne Bonnici fil-waqt li gew esebiti wkoll ghadd ta' dokumenti. Da parti tas-Socjeta Konvenuta ma tressqux provi ghad li sar kontro-ezami ezawrjenti tal-uniku xhud prodotta fil-kawza mill-abbli difensur tas-Socjeta Konvenuta;

Illi t-Tribunal iqis li fil-kawza odjerna ma tqanqlet l-ebda eccezzjoni fil-mertu izda gjaladarba l-kawza thalliet sabiex tigi trattata fil-mertu, kif ukoll in vista tal-fatt li s-sentenza parzjali ma dahlitx fil-mertu tat-talba, it-Tribunal se jghaddi sabiex iqis jekk it-Talba gietx ippruvata u jipprovdi dwar l-ispejjez, inkluz dawk tas-sentenza parzjali gjaladarba t-Tribunal ghadu ma pprovdiex ghalihom;

Illi mill-assjem tal-provi u senjatament mix-xhieda ta' Rodianne Bonnici, liema depozizzjoni t-Tribunal xtarr bir-reqqa, irrizulta illi s-Socjeta Attrici wettqet xoghol ta' *tarmac* ghas-

Socjeta Konvenuta. Skond ic-certifikat a fol 17, li huwa certifikat *interim* datat l-1 ta' Gunju 2009, kellu jsir pagament ghal dawn ix-xogholijiet ta' €109,449.28. Skond il-prospett a fol 18, li jikkonsisti fi spekkjett ta' erba' transazzjonijiet, kien sar *credit adjustment* ta' €61,774.98 nhar it-22 ta' Mejju 2009 (jigifieri qabel id-data tac-certifikat) u pagament ta' €45,290.59 nhar it-8 ta' Frar 2010. Imbaghad kienu inhargu zewg fatturi li fuq l-ispekkjett t-tnejn huma datati il-31 ta' Dicembru 2009 – wahda ta' €61,774.98 inkluz il-VAT (li kopja taghha tinsab a fol 30 fejn hija datata l-14 ta' Mejju 2009) u ohra li minnha titnissel il-kontestazzjoni (fol 19 u 20, datata l-20 ta' Jannar 2010);

Illi dwar it-tieni fattura jirrizulta li l-ewwel inharget il-fattura ghal €47,674.30 inkluz il-VAT (a fol 19) imbaghad din giet riveduta u nharget mill-gdid bl-istess numru u bl-istess data ghal €45,290.59 (a fol 20). Mill-kopji tal-*emails* (a fol 21 *et seq*) u senjatament l-*email* tal-20 ta' Jannar 2010 (a fol 23 u 24) u cjoe l-istess data tal-fattura, jirrizulta li s-Socjeta Konvenuta kienet talbet li jkun hemm *retention amount* ta' 5% tal-bilanc tant li Brian Galea qal lil Itiana Schembri "*Ghamel 5% retention please*". Skond il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2015, intalahaq qbil bejn il-partijiet li mhemmx bzonn tixhed Itiana Schembri dwar il-kontenut tal-*emails* mibghuta minnha. Dan kollu gie spjegat mix-xhud Rodianne Bonnici (a fol 15-16 u 27-28). Jirrizulta car li d-differenza ta' 5% hija d-differenza ta' €2,383.71 bejn iz-zewg fatturi datati l-20 ta' Jannar 2010. Dwar id-differenza ta' €2,383.71 u cjoe r-*retention amount*, inharget fattura ohra madwar sena wara u cjoe fit-3 ta' Frar 2011 (a fol 2) u dan, kif xehdet Rodianne Bonnici (a fol 15) peress li skond is-Socjeta Attrici, ix-"*xoghol kien sar kif suppost*" u ghalhekk ma kienx hemm aktar htiega ta' *retention*;

Illi minn ezami tad-dokumenti u tax-xhieda ta' Rodianne Bonnici jidher car li somma li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna, ekwivalenti ghal 5% tal-fattura a fol 19, kienet inzammet in linea ta' *retention amount* mis-Socjeta Konvenuta fuq ix-xoghol ta' *tarmac* li kien sar mis-Socjeta Attrici, skond ma jirrizulta mill-iskambju tal-*emails* (a fol 21 *et seq*). It-Tribunal huwa konvint li wara li kien hemm l-iskambju bejn Galea u Schembri fl-20 ta' Jannar 2010 giet sostitwita l-fattura a fol 19 b'dik a fol 20 biex imbaghad wara sena, is-Socjeta Konvenuta intalbet thallas ir-*retention* u ghal dan il-ghan inharget il-fattura a fol 2. Ma ngiebet ebda prova ta' pagament jew krediti ohra u kwindi jsegwi li tali somma ghadha dovuta sal-lum u ma tirrizulta ebda raguni ghalfejn it-talba ghall-hlas tas-Socjeta Attrici m'ghandhix tintlaqa';

Illi kkunsidrat dan kollu, it-Tribunal iqis li t-talba giet ippruvata u ghalhekk se jghaddi sabiex jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta ghall-hlas tas-somma pretiza u ghall-ispejjez, salv ghal dawk tal-ittra ufficcjali li tissemma' fl-Avviz tat-Talba u dan peress li ma gietx prezentata kopja legali tal-istess ittra ufficcjali fil-waqt li l-kopja li hemm a fol 3 tal-process la hija wahda ufficcjali u lanqas ma jirrizulta minnha li din giet effettivament prezentata gjaladarba mhemm ebda timbru jew firma ta' ufficcjal tal-Qrati u ghalhekk it-Tribunal mhux f'qaghda li jikkonstata jekk din gietx tassew prezentata;

Ikkunsidra;

Illi billi s-sentenza parzjali tal-15 ta' Lulju 2015 irriservat id-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez ghall-gudizzju finali, it-Tribunal ghandu jiddeciedi anke dwar dan. Peress li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet michuda u s-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-Talba taghha, it-Tribunal ihoss li anke l-ispejjez tas-sentenza parzjali ghandha tbatihom is-Socjeta Konvenuta;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' elfejn tliet mija u

tlieta u tmenin euro u wiehed u sebghin centezmu (€2,383.71), u dana oltre l-imghax skond il-ligi.  L-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluz dawk tas-sentenza parzjali tal-15 ta' Lulju 2015 (salv ghal dawk tal-ittra ufficcjali li tissemma' fl-Avviz tat-Talba) ghandhom ikunu sopportati mis-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*